



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**



18115/11

(OR. en)

PRESSE 475

PR CO 77

## **STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

It-3133 laqgħa tal-Kunsill

### **Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)**

Brussell, 5 u 6 ta' Diċembru 2011

President

**Is-Sur Waldemar PAWLAK**

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi

Is-Sinjura Barbara KUDRYCKA,

Ministru tax-Xjenza u l-Edukazzjoni Għolja

tal-Polonja

# **L - I S T A M P A**

---

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 8847 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026  
[press.office@consilium.europa.eu](mailto:press.office@consilium.europa.eu) <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

18115/11

1  
**MT**

## Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-politika industrijali madwar l-Ewropa.*

*Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-riżultati tal-ewwel forum dwar is-suq uniku u dwar modi kif jittejbu l-valutazzjonijiet tal-impatt tul il-proċess leġislattiv tal-UE. Hu adotta wkoll konklużjonijiet dwar il-kooperazzjoni doganali mal-pajjiżi ġirien tal-Lvant.*

*Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali dwar abbozz ta' direttiva dwar l-interkonnnessjoni tar-reġistri tan-negożji.*

*Il-Kunsill ħa nota ta' preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar proposta għal programm għall-Kompetittività u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju 2014-2020.*

*Il-Ministri komplew bil-kunsiderazzjoni tagħhom tal-istabbiliment ta' sistema unifikata għall-litigazzjoni dwar il-privattivi fil-kuntast tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja. Maggħoranza kbira ta' delegazzjonijiet appoġġat l-oġettiv li jintlaħaq qbil qabel tmiem l-2011.*

*Il-Kunsill kellu l-ewwel dibattitu ġenerali dwar il-programm qafas futur għar-riċerka u l-innovazzjoni "Orizzont 2020" għas-snin 2014 sal-2020, wara preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.*

*Huwa adotta konklużjonijiet dwar is-sħubija fir-riċerka u l-innovazzjoni u nieda ħames inizjattivi għall-ipprogrammar konġunt dwar: "Ibħra u oċeani sani u produttivi", "L-isfida mikrobika – Theddida emerġenti għas-saħħa tal-bniedem", "Kollegament tal-għarfien dwar il-klima għall-Ewropa", "Ewropa urbana – Sfidi urbani globali, soluzzjonijiet konġunti Ewropej" u "Sfidi tal-ilma għal dinja li qed tinbidel".*

*Fit-8 Kunsill Spazju bejn l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) sar dibattitu dwar il-benefiċċji tal-ispazju għas-sigurtà taċ-ċittadini u ġiet adottata riżoluzzjoni.*

**WERREJ<sup>1</sup>**

<b>PARTEĊIPANTI .....</b>	<b>5</b>
<b>PUNTI LI ĠEW DISKUSSI</b>	
IT-TISĦIĦ TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA INDUSTRIJALI - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i> .....	9
INTERKONNESSJONI TAR-REĠISTRI TAN-NEGOZJU .....	10
FORUM DWAR IS-SUQ UNIKU - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i> .....	11
VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FIL-KUNSILL - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i> .....	18
KOOPERAZZJONI DOGANALI MAL-PAJJIŻI ĠIRIEN TAL-LVANT - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i> .....	18
PROGRAMM GĦALL-KOMPETITIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż- ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (2014 - 2020).....	19
QORTI UNIFIKATA TAL-PRIVATTIVI .....	20
PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - "ORIZZONT 2020" .....	23
IS-SĦUBIJA FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i> .....	25
TNEDIJA TA' ĦAMES INIZJATTIVI GĦALL-IPPROGRAMMAR KONĠUNT FIR- RIĊERKA - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i> .....	25
IT-TMIEN KUNSILL SPAZJU: BENEFIĊĊJI TAL-ISPAZJU GĦAS-SIGURTÀ TAĊ- ĊITTADINI .....	26
AFFARIJET OĦRA .....	27

<sup>1</sup>

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

**PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI**

*AMBJENT*

- Gassijiet b'effett ta' serra u attivitajiet addizzjonali mill-Italja.....35
- Ħżin ta' merkurju metalliku.....35

*ĦATRIET*

- Ku mitat tar-Regġuni.....35

## **PARTEĊIPANTI**

### **Belġju:**

Is-Sur Jean-Marc NOLLET

Is-Sur Kris PEETERS

Is-Sur Vincent VAN QUICKENBORNE

Is-Sur Olivier BELLE

### **Bulgarija:**

Is-Sinjura Milena DAMYANOVA

Is-Sur Peter STEFANOV

### **Repubblika Ċeka:**

Is-Sur Martin TLAPA

Is-Sur Ivan WILHELM

Is-Sur Jiří ŽÁK

### **Danimarka:**

Is-Sur Ole SOHN

Is-Sur Morten ØSTERGAARD

### **Ġermanja:**

Is-Sur Max STADLER

Is-Sur Guido PERUZZO

### **Estonja:**

Is-Sur Jaak AAVIKSOO

Is-Sur Gert ANTSU

### **Irlanda:**

Is-Sur John PERRY

Is-Sur Thomas HANNEY

### **Greċja:**

Is-Sinjura Anna DIAMANTOPOULOU

Is-Sur Andreas PAPASTAVROU

### **Spanja:**

Is-Sinjura Cristina GARMENDIA

Is-Sur José Pascual MARCO MARTINEZ

### **Franza:**

Is-Sur Jean LEONETTI

Is-Sur Laurant WAUQUIEZ

Is-Sur Philippe LEGLISE-COSTA

### **Italja:**

Is-Sur Enzo MOAVERO MILANESI

Is-Sur Francesco PROFUMO

### **Ċipru:**

Is-Sur George ZODIATES

### **Latvja:**

Is-Sur Roberts KĪLIS

Is-Sur Juris PŪCE

Is-Sur Jānis BORDĀNS

### **Litwanja:**

Is-Sur Giedrius KADZIAUSKAS

Viċi President u Ministru għat-Tfal, ir-Riċerka u s-Servizz Ċivili

Ministru-President tal-Gvern Fjamming u Ministru Fjamming tal-Ekonomija, il-Politika Barranija, l-Agrikoltura u l-Politika Rurali  
Ministru tal-Intrapriżi u s-Simplifikazzjoni  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Viċi Ministru għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u x-Xjenza

Viċi Rappreżentant Permanenti

Viċi Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ  
Viċi Ministru tar-Riċerka u l-Edukazzjoni Għolja  
Viċi Ministru tat-Trasport

Ministru tal-Kummerċ u t-Tkabbir  
Ministru tax-Xjenza, l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni Għolja

Segretarju Parlamentari tal-Istat għall-Ministru Federali tal-Ġustizzja  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tan-Negozji iż-Żgħar  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Edukazzjoni, it-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Affarijiet Reliġjużi  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tax-Xjenza u l-Innovazzjoni  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru responsabbli għall-Affarijiet Ewropej, fl-Uffiċċju tal-Ministru tal-Istat, Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej  
Ministru tal-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Affarijiet Ewropej  
Ministru tal-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka

Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tax-Xjenza u l-Edukazzjoni  
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija  
Segretarju Parlamentari

Viċi Ministru tal-Ekonomija

Is-Sinjura Nerija PUTINAITE  
Is-Sur Arūnas VINČIŪNAS

Viċi Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza  
Viċi Rappreżentant Permanenti

**Lussemburgu:**

Is-Sur Jeannot KRECKÉ

Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Kummerċ Barrani

Is-Sur François BILTGEN

Ministru tal-Ġustizzja, Ministru tas-Servizz Ċivili u r-Riforma Amministrattiva, Ministru tal-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka, Ministru tal-Komunikazzjoni u l-Media, Ministru tal-Affarijiet Reliġużi

**Ungerija:**

Is-Sur Zoltán CSÉFALVAY

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Strateġiċi, Ministeru tal-Ekonomija Nazzjonali  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sur Olivér VÁRHELYI

**Malta:**

Is-Sur Jason AZZOPARDI

Segretarju Parlamentari, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investment  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sur Patrick MIFSUD

**Pajjiżi l-Baxxi:**

Is-Sur Halbe ZYLSTRA

Segretarju tal-Istat  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sur Derk OLDENBURG

**Awstrija:**

Is-Sur Karlheinz TÖCHTERLE

Ministru Federali tax-Xjenza u r-Riċerka  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sur Harald GÜNTHER

**Polonja:**

Is-Sur Waldemar PAWLAK

Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi  
Ministru tax-Xjenza u l-Edukazzjoni Għolja  
Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet  
Ekonomiċi

Is-Sinjura Barbara KUDRYCKA

Is-Sinjura Grazyna HENCLEWSKA

Sottosegretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ambjent  
Sottosegretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet  
Ekonomiċi

Is-Sinjura Beata JACZEWSKA

Is-Sinjura Iлона ANTONISZYN KLIK

Sottosegretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Is-Sur Marcin SZPUNAR

**Portugall:**

Is-Sur Álvaro SANTOS PEREIRA

Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi  
Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sur Nuno CRATO

Is-Sur Pedro COSTA PEREIRA

**Rumanija:**

Is-Sur Constantin Claudiu STAFIE

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Ambjent tan-Negozju  
President tal-Awtorità Nazzjonali għar-Riċerka Xjentifika

Is-Sur Dragos Mihael CIUPARU

**Slovenja:**

Is-Sur Igor LUKŠIČ

Ministru tal-Edukazzjoni u l-Ispport  
Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Ekonomija

Is-Sur Janko BURGAR

**Slovakkja:**

Is-Sur Peter JAVORČÍK

Viċi Rappreżentant Permanenti  
Kap tal-Uffiċċju fil-Ministeru tal-Edukazzjoni

Is-Sur Miroslav SIVÁČEK

**Finlandja:**

Is-Sur Lauri IHALAINEN

Ministru għax-Xogħol  
Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi  
Segretarju tal-Istat

Is-Sur Jyri HÄKÄMIES

Is-Sur Jouni HAKALA

**Svezja:**

Is-Sur Jan BJÖRKLUND

Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Edukazzjoni  
Ministru tal-Kummerċ u l-Affarijiet Barranin  
Segretarju tal-Istat

Is-Sinjura Ewa BJÖRLING

Is-Sur Håkan EKENGREN

**Renju Unit:**

Il-Barunissa WILCOX

Segretarju tal-Istat  
Ministru tal-Istat għan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Ħiliet  
(Ministru tal-Universitajiet u x-Xjenza)  
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sur David WILLETTS

Is-Sur Andy LEBRECHT

**Kummissjoni:**

Is-Sur Antonio TAJANI

Is-Sur Joaquín ALMUNIA

Is-Sinjura Neelie KROES

Is-Sinjura Maire GEOGHEGAN-QUINN

Is-Sur Michel BARNIER

Is-Sur John DALLI

Is-Sur Algirdas ŠEMETA

Viċi President

Viċi President

Viċi President

Membru

Membru

Membru

Membru

**PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**

**IT-TISĦIĦ TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA INDUSTRIJALI -  
Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-politika industrijali fl-UE.

Il-konklużjonijiet jimmiraw lejn għadd ta' kwistjonijiet ta' politika industrijali li għandhom jiġu indirizzati bħala prijorità mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Huma f'konformità mal-gwida politika mogħtija mill-Kunsill Ewropew Ottubru li għadda, li identifika għadd ta' prijoritajiet ewlenin għall-politika ekonomika sabiex jinkisbu t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi.

It-test tal-konklużjonijiet jinsab f'[17851/11](#).

## INTERKONNESSJONI TAR-REĠISTRI TAN-NEGOZJU

Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva dwar l-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpanniji ([16968/11](#)).

Id-direttiva għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għal informazzjoni aġġornata u affidabbli dwar il-kumpanniji.

Taħt is-sistema proposta, l-Istati Membri kollha ser jinvolvu ruħhom biex tkun possibbli l-komunikazzjoni elettronika bejn ir-reġistri u li jittrasmettu l-informazzjoni lill-utenti individwali f'mod standardizzat, permezz ta' kontenut identiku u ta' teknoloġiji interoperabbli, fl-Unjoni. L-interoperabbiltà tar-reġistri għandha tiġi żgurata permezz tal-ġoti mill-Istati Membri ta' informazzjoni mir-reġistri tagħhom, bil-forniment ta' servizzi li jikkostitwixxu interfaċċji għall-pjattaforma ċentrali Ewropea. Din il-pjattaforma ser tkun sett ċentralizzat ta' għodod u servizzi ta' informazzjoni teknoloġika, użat mir-reġistri domestiċi kollha.

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika<sup>1</sup> ser iservi bħala wieħed mill-punti ta' aċċess elettroniku. Il-kumpanniji u l-fergħat tagħhom fi Stati Membri oħra għandu jkollhom identifikatur uniku li jagħmilha possibbli li jiġu identifikati b'mod inekwivokabbli.

Appoġġ multilingwistiku ser jiffaċilita l-aċċess u l-użu ta' informazzjoni kemm għall-konsumaturi u n-negozji.

Id-direttiva futura ser teħtieġ aġġornament ta' tliet direttivi eżistenti dwar il-liġi tal-kumpanniji:

- 89/666/KEE dwar il-ħtiġijiet ta' fergħat miftuħa fi Stati Membri oħra;
- 2005/56/KE dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata; u
- 2009/101/KE dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji, li tiżgura, fost affarijiet oħra, li dokumenti u dettalji maħżuna fir-reġistru jkunu jistgħu jiġu aċċessati.

---

<sup>1</sup> <https://e-justice.europa.eu>

## **FORUM DWAR IS-SUQ UNIKU - Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Il-Kunsill adotta konklużjoni dwar ir-riżultati tal-ewwel forum dwar is-suq uniku (SIMFO), li sar fi Krakovja, il-Polonja, fit-3 u l-4 ta' Ottubru 2011.

Is-SIMFO, li kien organizzat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-presidenza Pollakka, huwa maħsub biex ikun punt ta' tluq għal pjattaforma permanenti għad-dibattitu fost l-istituzzjonijiet tal-UE, il-partijiet interessati u ċ-ċittadini dwar l-iżvilupp tas-suq intern.

Il-konklużjonijiet jellaboraw dwar il-kwistjonijiet indirizzati fid-"dikjarazzjoni ta' Krakovja"<sup>1</sup> approvata mill-parteċipanti fis-SIMFO.

"IL-KUNSILL (Kompetittività)

FILWAQT LI JFAKKAR:

fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011 li jenfasizzaw rwol ewlieni tas-Suq Uniku fil-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi u li jiddikjara li għandhom isiru l-isforzi kollha biex jiġi żgurat ftehim sa tmiem l-2012 dwar it-12-il proposta ta' prijorità stabbiliti fl-Att dwar is-Suq Uniku, filwaqt li tingħata l-akbar prijorità lil dawk li jistgħu jagħtu l-aktar benefiċċji għat-tkabbir u l-impjiegi;

fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill (Kompetittività) tal-10 ta' Diċembru 2010 rigward l-Att dwar is-Suq Uniku;

fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill (Kompetittività) tat-30 ta' Mejju 2011 dwar il-Prijoritajiet għat-Tnedija mill-ġdid tas-Suq Uniku, li jisħaq li għandha tingħata enfasi lil miżuri li joħolqu l-impjiegi u li jġibu riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji u jagħmel ċar il-hteġa li jittieħdu passi ambizzjużi biex jinkiseb Suq Uniku ġenwin u żviluppat b'mod sħiħ u, barra minn hekk, li s-Suq Uniku għandu jistrieħ fuq bażi ekonomika u soċjali soda bil-ħsieb ta' bini ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna;

---

<sup>1</sup> [http://www.mg.gov.pl/files/upload/14617/20111004\\_THE\\_KRAKOW\\_DECLARATION.pdf](http://www.mg.gov.pl/files/upload/14617/20111004_THE_KRAKOW_DECLARATION.pdf)

fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' April 2011 "L-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja"<sup>1</sup>;

fl-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>2</sup> u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>3</sup>;

fir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-Suq Uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini<sup>4</sup>;

fir-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2011 dwar "Governanza u sħubija fis-suq uniku"<sup>5</sup>, dwar is-"Suq Uniku għall-Ewropej"<sup>6</sup> u dwar is-"Suq Uniku għall-impriżi u t-tkabbir"<sup>7</sup>;

fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-31 ta' Awwissu 2011: Is-Suq Uniku mil-lenti tan-nies: Ħarsa ġenerali tal-20 tħassib prinċipali taċ-ċittadini u n-negozji<sup>8</sup>;

JISĦAQ li s-Suq Uniku, bis-27 Stat Membru tiegħu u madwar 500 miljun ċittadin, huwa l-akbar suq integrat fid-dinja u l-bażi għat-tkabbir, l-impjiegi, il-prosperità u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni;

JAFFERMA MILL-ĠDID, anke fi żminijiet ta' sfidi ekonomikċi u finanzjarji kbar, l-impenn tiegħu biex jimplimenta aktar il-prinċipji fundamentali tas-suq intern u jtejjeb aktar l-operat tiegħu; f'dan ir-rigward JISSO TTOLINJA l-ħtieġa għal miżuri ambizzjużi li jkunu ggwidati minn strateġija ċara u koerenti li tippromwovi l-kompetittività u tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku tal-Ewropa;

---

<sup>1</sup> COM(2011) 206/4.

<sup>2</sup> CdR 330/2010-ECOS-V-009.

<sup>3</sup> INT/548-CESE525/2011.

<sup>4</sup> adottata fl-20 ta' Mejju 2010, P7\_TA(2010)0186.

<sup>5</sup> P7\_TA-PROV(2011)0144 adottata fis-6 ta' April 2011.

<sup>6</sup> P7\_TA-PROV(2011)0145 adottata fis-6 ta' April 2011.

<sup>7</sup> P7\_TA-PROV(2011)0146 adottata fis-6 ta' April 2011.

<sup>8</sup> SEC(2011) 1003 finali

JILQA' B'SODISFAZZJON id-Dikjarazzjoni ta' Krakovja ppreżentata mill-parteċipanti tal-Ewwel Forum dwar is-Suq Uniku li sar fi Krakow mit-2 sal-4 ta' Ottubru 2011, li laqqa' flimkien ir-rappreżentanti tal-partijiet kollha interessati fis-Suq Uniku: negozji Ewropej, inklużi SMEs, ċittadini, konsumaturi, sħab soċjali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, gruppi ta' riflessjoni, media, Parlamenti nazzjonali, istituzzjonijiet Ewropej u awtoritajiet pubbliċi fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali; f'dan ir-rigward JAPPREZZA l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew kif ukoll l-isforz komuni u l-kooperazzjoni kbira mal-Parlament Ewropew, u l-Kummissjoni Ewropea, li għamlet dan l-avveniment mingħajr preċedent possibbli;

JISSOTTOLINJA l-importanza tad-djalogu dwar it-tfassib attwali u l-isfidi futuri, li jinvolvu lill-parteċipanti kollha tas-Suq Uniku u JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-Forum dwar is-Suq Uniku fl-għoti ta' impetu għdid għal dibattitu kompletament Ewropew dwar il-futur tas-Suq Uniku, bil-parteċipazzjoni diretta tan-negozji u ċ-ċittadini mill-Istati Membri kollha;

B'kont meħud tal-eżitu tal-workshops kollha li saru matul l-Ewwel Forum dwar is-Suq Uniku u fid-dawl ta' aktar diskussjonijiet dwar il-futur tas-Suq Uniku, il-Kunsill:

### Karta Professjonali Ewropea

1. JINSAB LEST biex jeżamina l-introduzzjoni tal-Karta Professjonali Ewropea, appoġġata mis-sistema IMI u li tista' tgħin tipromwovi l-mobbiltà transkonfinali fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi tħaffef u tissimplifika l-proċeduri ta' rikonoxximent, tagħti aktar ċertezza lill-professjonisti u tkattar il-fiduċja fost l-awtoritajiet nazzjonali, b'kont meħud li l-ispejjeż relatati mal-iżvilupp u l-ħruġ tal-karta għandhom jiġu eżaminati aktar;

### Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u Soluzzjoni Online tat-Tilwim

2. JAGĦTI IMPORTANTA KBIRA li jiġi żgurat li n-negozji u l-konsumaturi Ewropej li jixtru prodotti u servizzi (online, offline, transkonfinali jew domestikament) ikollhom aċċess għal mezzi ta' soluzzjoni effiċjenti, bi prezz li jintlaħaq u sempliċi, tat-tilwim tagħhom mal-kummerċjanti, b'kont meħud tad-diversità fl-iskemi nazzjonali differenti rigward is-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim;
3. JEMMEN li huwa essenzjali li jiżdied l-għarfien u l-fehim tan-negozji u ċ-ċittadini dwar skemi fl-Ewropa kollha rigward is-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim;

4. JISĦAQ li sistemi ta' Soluzzjoni Online tat-Tilwim sempliċi, effiċjenti u bi prezz li jintlaħaq, li jippermettu liċ-ċittadini jsolvu l-problemi tagħhom b'mod effettiv meta jkunu qed jixtru online, huma kruċjali għat-titjib tal-fiduċja fis-Suq Uniku diġitali;

#### "Punti ta' Kuntatt Waħdieni"

5. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-Punti ta' Kuntatt Waħdieni (PSCs) jkunu kompletament operattivi u biex bħala prijorità jtejbu d-disponibbiltà, il-kwalità u l-faċilità tagħhom għall-utent sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ transkonfinali, kif ukoll jissimplifikaw l-aċċess għal u l-użu tal-PSCs għal intraprendituri minn Stati Membri oħra.
6. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jippromwovu l-iżvilupp ta' ċentri ta' Gvern elettroniku żviluppatti b'mod sħiħ, li jistgħu jippermettu lill-intraprendituri jwettqu proċeduri u formalitajiet amministrattivi online.
7. JISĦAQ DWAR L-IMPORTANZA li jiġu ssuperati l-ostakoli għall-użu transkonfinali tal-PSCs, b'mod partikolari bit-titjib tal-interoperabbiltà u r-rikonoxximent reċiproku tat-teknoloġija tal-identità elettronika, il-firem elettroniċi u d-dokumenti elettroniċi u jżidu l-isforzi biex jippromwovu l-eżistenza u l-benefiċċji tal-PSCs fost iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment l-SMEs;
8. JIRRIKONOXXI l-vantaġġi li jinħolqu, fejn applikabbli, rabtiet bejn il-PSCs u s-servizzi l-oħra għan-negozji fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali inklużi Punti ta' Servizz dwar il-Prodott fl-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri;

#### Kummerċ elettroniku

9. JIRRIKONOXXI l-potenzjal għoli tal-kummerċ elettroniku biex isaħħaħ it-tkabbir fl-Ewropa u joħloq l-impjiegi; JISSOTTOLINJA li ż-żieda fil-fiduċja kemm tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozji, b'mod partikolari tal-SMEs, hija ta' importanza ċentrali biex tkattar it-tkabbir tal-kummerċ elettroniku transkonfinali u għalhekk JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu l-isforzi kollha sabiex jippermettu lill-atturi kollha fis-Suq Uniku jibbenefikaw mill-kummerċ elettroniku u jappoġġaw l-innovazzjoni f'dan is-settur;

10. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu pprovduti bi strumenti effettivi biex isolvu l-problemi tagħhom meta jkunu qed jixtru online transkonfinalment; li tiġi aġġornata l-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data; li tiġi mmodernizzata s-sistema Ewropea dwar id-drittijiet tal-awtur bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kapaċità kompetittiva tal-Unjoni u jiġu sfruttati l-possibbiltajiet għal mudelli ġodda ta' negozju filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u b'kont meħud tad-diversità kulturali; biex jeliminaw l-ostakoli u d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq il-pajjiż ta' residenza tal-konsumaturi u sabiex jevitaw il-hoġkien ta' każijiet ġodda, li jtellfu l-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku; tiġi infurzata aħjar il-leġislazzjoni attwali;
11. JISĦAQ dwar l-importanza ta' adozzjoni urġenti tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kummerċ elettroniku; bħala risposta għall-proposta tal-Kunsill Ewropew, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr il-pjan direzzjonali dwar it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali sal-2015, filwaqt li tagħti prijorità lil proposti li għandhom l-għan li jippromwovu Suq Uniku Diġitali integrat totalment permezz tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ elettroniku u l-użu transkonfinali ta' servizzi online.

#### L-istazzjonar tal-ħaddiema u d-drittijiet soċjali fundamentali

12. JENFASIZZA li l-iffaċilitar tal-provvediment ta' servizzi minn kumpanniji fi Stat Membru ieħor huwa fattur essenzjali ta' suq intern dinamiku. Dan għandu jmur id f'id mal-garanzija ta' livell adegwat ta' protezzjoni għal kwalunkwe ħaddiem stazzjonat fi Stat Membru ieħor biex jipprovdi servizzi, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali;
13. JISĦAQ li l-istazzjonar tal-ħaddiema għandu jikkontribwixxi għall-użu effettiv tal-opportunitajiet li joffri s-Suq Uniku, filwaqt li tiġi żgurata klima ta' kompetizzjoni ġusta u jitjiebu l-kondizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema stazzjonati fl-Unjoni kollha f'konformità mal-acquis attwali; JAPPELLA lill-Istati Membri biex jipprovdu aċċess għal informazzjoni rigward it-termini ta' impjieg kif ukoll biex jiġġieldu b'mod effettiv kontra n-nuqqas ta' rispettt tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati, f'konformità mar-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema;
14. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li, sabiex jiġu evitati abbużi, r-regoli dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema jkunu trasparenti u ċari u, jekk meħtieġ, għandhom jiġu kkjarifikati b'mod proporzjonat mingħajr ma jinħolqu ostakoli b'mod involontarju għall-provvediment ta' servizzi b'xejn, filwaqt li **fejn adatt**, l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema għandha tiġi mtejbja bl-istess mod mill-Istati Membri;

Leġislazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku

15. JILQA' B'SODISFAZZJON l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex timmodernizza u tissimplifika d-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku biex ikun żgurat li s-settur pubbliku jkun jista' jixtri prodotti u servizzi b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju bl-aħjar valur għall-flus ta' min iħallas it-taxxa, filwaqt li n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, ikollhom çans tajjeb u ġust li jaçcessaw kuntratt pubbliku u l-ispejjeż tat-transazzjoni jibqgħu minimi għall-partijiet kollha involuti;
16. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li s-settur tal-akkwist pubbliku jsir aktar professjonali permezz ta' taħriġ imtejjeb, biex jiġi stimulat l-użu tal-akkwist elettroniku u biex tiġi rinfurzata l-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku mill-Istati Membri sabiex jiġu żgurati stabbiltà u prevedibbiltà fil-qafas legali;

Innaqqsu d-distakk ta' informazzjoni bejn iċ-ċittadini u s-Suq Uniku

17. JISĦAQ li l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet tas-Suq Uniku hija kruċjali għaċ-ċittadini u n-negozji, b'mod partikolari għall-SMEs, u għalhekk JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar il-portal L-Ewropa Tiegħek f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, sabiex dawk kollha interessati jiġu pprovduti b'informazzjoni u assistenza Prattika strutturata tajjeb u aġġornata;
18. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex torganizza b'mod sistematiku konsultazzjonijiet pubbliċi dwar leġislazzjoni ġdida qabel tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fejn adatt, fi sħubija ma' dawk kollha interessati fil-livell nazzjonali u dak lokali; disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;
19. JAPPOĠĠA BIS-SĦIĦ ir-rakkomandazzjoni tal-Ewwel Forum dwar is-Suq Uniku li l-promozzjoni tal-informazzjoni u l-assistenza fit-tfittix ta' soluzzjonijiet għandhom jiġu organizzati b'involvement akbar tan-netwerks kollha eżistenti u għandhom ikunu eqreb taċ-ċittadin;

Implimentazzjoni tar-regoli tas-Suq Uniku

20. JISĦAQ li d-drittijiet tas-Suq Uniku jistgħu jiġu garantiti biss jekk ikun hemm ir-rieda politika meħtieġa fil-livelli kollha - impenn qawwi biex dawn isiru effettivi u effiċjenti; JIMPENJA RUĦU biex itejjeb it-traspożizzjoni korretta u fil-ħin tad-Direttivi dwar is-Suq Intern bħala materja ta' prijorità politika;

21. JIRRIKONOXXI d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi tal-Unjoni mill-awtoritajiet fil-livelli kollha tal-governanza, u għalhekk JINKORAĠĠIXXI kooperazzjoni mill-qrib dwar il-materji kollha tas-Suq Uniku bejn l-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;
22. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' infurzar effettiv, effiċjenti u koerenti tal-liġi tal-Unjoni fis-Suq Uniku kollu kif ukoll tal-għodod li jipprovdu lin-negozji u liċ-ċittadini b'soluzzjoni informali tal-problemi, bħas-SOLVIT, li joffri soluzzjonijiet prattiċi għan-negozji u liċ-ċittadini; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tohrög bi proposti konkreti biex issaħħuh aktar, jekk meħtieġ;

## KONKLUŻJONI

23. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta t-12-il proposta ta' prijorità mniżżla fl-Att dwar is-Suq Uniku skont l-iskeda mħabbra fl-Att dwar is-Suq Uniku; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew, biex fkooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jagħmlu l-isforzi kollha biex sal-aħħar tal-2012 jiżguraw qbil dwar dawn it-12-il proposta ta' prijorità u b'hekk joħlqu impetu għdid għas-Suq Uniku;
24. JIMPENJA RUĦU biex jieħu l-passi meħtieġa biex isaħħaħ il-governanza tas-Suq Uniku billi jiżgura l-infurzar korrett u koerenti tar-regoli tiegħu fil-prattika;
25. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tevalwa regolarment l-istat tas-Suq Uniku u tiegħu aktar inizjattivi biex ittejjeb l-operat tiegħu. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jelenka l-20 punt ta' tħassib prinċipali huwa eżerċizzju utli f'dan ir-rigward. Il-kwistjonijiet identifikati għandhom jiġu eżaminati fil-fond u għandhom jittieħdu l-passi adatti biex ikun żgurat progress fl-oqsma problematiċi;
26. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-Forum dwar is-Suq Uniku jinbidel f'avveniment regolari, biex jippermetti lin-negozji u liċ-ċittadini kif ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jipparteċipaw b'mod dirett fi jinfluenzaw l-iżvilupp ulterjuri tas-Suq Uniku;
27. JISĦAQ dwar il-ħtieġa ta' segwitu tar-riżultati tal-Ewwel Forum dwar is-Suq Uniku; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżviluppa u tuża għodod online bħala pjattaforma miftuħa għall-pubbliku ġenerali li jippermettu lill-atturi kollha tas-Suq Uniku jibqgħu aġġornati mal-iżviluppi fis-Suq Uniku u jipparteċipaw b'mod attiv fit-tiswir tiegħu, kif ukoll jaqsmu esperjenzi u tħassib attwali dwar is-Suq Uniku."

**VALUTAZZJONI TAL-IMPATT FIL-KUNSILL - Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet u adotta l-konklużjonijiet li jinsabu f'[16976/11](#).

**KOOPERAZZJONI DOGANALI MAL-PAJJIŻI ĠIRIEN TAL-LVANT - Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Il-Kunsill adotta konklużjoniet dwar kooperazzjoni doganali mal-pajjiżi ġirien tal-Lvant, u ffokka fuq oqsma prijoritarji ta' kooperazzjoni, u f'konformità mal-impenn tal-UE u l-ġirien tal-Lvant tagħha biex ikompli jittejbu l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika.

Il-konklużjonijiet jindirizzaw, b'mod partikolari, oqsma speċifiċi għal kooperazzjoni mtejba li jinkludu l-hteġa li jiġu żviluppatti mogħdijiet ta' kummerċ sikuri u fluwidi; il-ġlieda kontra l-frodi mal-fruntiera tal-Lvant tal-UE u investimenti fil-modernizzazzjoni tad-dwana.

Dawn jistgħu jinsabu f'[16881/11](#).

**PROGRAMM GĦALL-KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻĠĦAR U TA' DAQS MEDJU (2014 - 2020)**

Il-Kunsill ħa kont ta' preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proposti għal Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju għas-snin 2014 - 2020 ([17489/11](#)).

Il-"Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju" ser ikun is-suċċessur tal-parti mhux innovattiva tal-"Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni" (CIP) attwali. L-appoġġ kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni lill-SMEs (inkluża l-parti tal-innovazzjoni tas-CIP) ser jiġi inkluż fil-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni "Orizzont 2020".

Il-programm pluriennali ġdid, b'baġit totali propost ta' EUR 2.5 biljun għall-perijodu sħiħ, ser jikkonċentra prinċipalment fuq miżuri biex jiġu promossi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju aktar dinamiċi u kompetittivi internazzjonalment.

Dawn il-miżuri ser jinkludu:

- azzjonijiet biex jittejbu l-kompetittività u tas-sostenibbiltà tal-industrija tal-UE;
- strumenti finanzjarji innovattivi għat-tkabbir biex jiġi faċilitat l-aċċess tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju għall-finanzjament;
- miżuri biex jiġu appoġġati kumpanniji mill-UE li qed jippruvaw jiksbu aċċess aħjar għas-swieq;
- attivitajiet biex tiġi promossa l-intraprenditorija.

## **QORTI UNIFIKATA TAL-PRIVATTIVI**

Il-ministri responsabbli għall-fajls tal-proprietà intelletwali kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-ħolqien ta' qorti unifikata għall-litigazzjoni dwar il-privattivi, bħala parti minn pakkett immirat biex jistabbilixxi sistema tal-privattivi b'effett unitarju biex tiġi żgurata protezzjoni uniformi għall-intervenzjonijiet madwar l-Ewropa, flimkien mal-arranġamenti ta' traduzzjoni meħtieġa.

Id-dibattitu sar abbażi ta' pakkett ta' kompromess imfassal mill-Presidenza.

Il-kompromess kien aċċettat b'mod wiesa' fis-sustanza, iżda d-dibattitu wera li għadha meħtieġa aktar ħidma. Il-Presidenza Pollakka hija impenjata li tmexxi l-ħidma 'l quddiem bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar il-ħolqien ta' qorti unifikata tal-privattivi qabel tmien l-2011.

L-elementi essenzjali tal-kompromess jinkludu:

**1. Is-sedi tad-Diviżjoni Ċentrali tal-Qorti ta' Prim' Istanza, tal-Qorti tal-Appell u ta' Ċentru ta' Arbitraġġ għall-Privattivi**

Saru bosta proposti minn stati membri interessati li jospitaw is-sedi.

**2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Istati Membri li jospitaw diviżjoni lokali, diviżjoni reġjonali, id-Diviżjoni Ċentrali u l-Qorti tal-Appell**

L-Istat Membru ospitanti jipprovdi għall-faċilitajiet meħtieġa, it-tagħmir u, għall-perijodu tal-bidu, il-ġestjoni tal-persunal amministrattiv.

**3. Kontribuzzjonijiet finanzjarji oħrajn tal-Istati Membri**

Filwaqt li l-oġettiv għandu jkun li biż-żmien il-Qorti Unifikata tal-Privattivi ssir awto-finanzjata, ser ikunu meħtieġa kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-fażi tat-twaqqif abbażi ta' formula bbilanċjata u trasparenti.

#### **4. Lingwa tal-proċedimenti**

Filwaqt li għandu jiġi sostnut il-prinċipju li l-lingwa tal-proċedimenti ta' diviżjoni lokali tista' tinbidel biss bil-qbil taż-żewġ partijiet, parti tista' tindirizza talba lill-President tal-Qorti biex tinbidel il-lingwa tal-proċedimenti għal raġunijiet ta' konvenjenza u ekwiżità.

#### **5. Azzjonijiet li għandhom jitressqu quddiem id-diviżjoni ċentrali**

Il-possibbiltà li jissaħħaħ ir-rwol tad-diviżjoni ċentrali u li l-partijiet jingħataw l-għażla li jressqu azzjonijiet ta' infrazzjoni li jikkonċernaw għadd ta' Stati Membri quddiem id-diviżjoni ċentrali minflok ma jressquhom quddiem diviżjoni lokali jew reġjonali.

Taħt il-kompromess il-partijiet ikollhom l-għażla li jressqu azzjoni ta' infrazzjoni quddiem id-diviżjoni ċentrali jekk il-konvenut ikun domiċiljat barra mill-UE.

#### **6. Numru ta' ratifiki meħtieġa għad-dħul fis-seħħ**

Hemm kunsens ġenerali li l-Qorti Unifikata tal-Privattivi għandha tidħol fis-seħħ ladarba numru minimu ta' Stati Membri jkunu rratifikaw il-Ftehim.

#### **7. Perijodu transizzjonali**

Ser jiġi ffissat perijodu transizzjonali għal privattivi Ewropej "klassiċi" mingħajr effett unitarju, li matulu azzjonijiet xorta jkunu jistgħu jitressqu quddiem il-qorti nazzjonali.

#### **8. Klawżola ta' reviżjoni**

Firxa ta' dispożizzjonijiet ikollhom jiġu rieżaminati mill-kumitat amministrattiv sabiex jittejbu t-tħaddim, l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi u l-kwalità tas-sentenzi tagħha.

Id-dibattitu jsegwi d-diskussjonijiet fil-laqgħa ministerjali tad-29 ta' Settembru 2011 (*ara l-istqarrija għall-istampa 14691/11, paġna 9*), abbażi tal-abbozz ta' ftehim dwar il-ħolqien ta' qorti unifikata tal-privattivi li jiżgura konformità mat-trattati tal-UE. Qabel, fit-30 ta' Mejju 2011, maġġoranza kbira mill-Istati Membri approvaw il-ħolqien ta' qorti unifikata tal-privattivi permezz ta' ftehim li għandu jiġi konkluż bejn l-Istati Membri barra mill-qafas istituzzjonali tal-UE.

Fl-aħħar ġimgħat, il-korpi preparatorji tal-UE wettqu ħidma intensiva fuq il-partijiet l-oħra li jiffurmaw il-pakkett: żewġ abbozzi ta' regolament li jimplimentaw kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja <http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/11/st11/st11328.en11.pdf> (*ara l-istqarrija għall-istampa 11831/11*). Wara negozjati mal-Parlament Ewropew, intlaħaq ftehim proviżorju bejn il-Kunsill u l-Parlament, li jinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali għall-benefiċċju tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-użu futur tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja.

Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jivvota dwar iż-żewġ abbozzi ta' regolament għall-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja u l-arranġament ta' traduzzjoni applikabbli lejn il-bidu tal-2012.

## **PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - "ORIZZONT 2020"**

Il-Kunsill kellu dibattitu pubbliku dwar il-qafas strateġiku komuni ġdid għar-riċerka u l-innovazzjoni għas-snin 2014-2020, li jismu "Orizzont 2020". Id-dibattitu segwa preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta li nħarġet fit-30 ta' Novembru 2011 ([17932/11](#)).

"Orizzont 2020" ser ikun il-kontinwazzjoni tas-7 programm qafas dwar ir-riċerka (FP7) tal-UE, li jibqa' għaddej sa tmiem l-2013.

Il-ministri laqgħu l-arkitettura ġenerali tal-programm. Huma esprimew fehmiet preliminari dwar il-programm li huwa mistenni jelimina l-frammentazzjoni f'dan il-qasam u jiżgura aktar koerenza, inkluż ma' programmi nazzjonali ta' riċerka.

Ġew enfasizzati għadd ta' karatteristiċi bil-għan li jiġi promoss it-tkabbir u jingħelbu l-isfidi tas-soċjetà, fosthom:

- Simplifikazzjoni kbira permezz ta' programm aktar sempliċi ta' arkitettura, sett wieħed ta' regoli u inqas burokrazija;
- Approċċ inklużiv miftuħ għal parteċipanti ġodda li jiżgura li riċerkaturi u innovaturi eċċellenti minn madwar l-Ewropa u lil hinn minnha jkun jistgħu jipparteċipaw;
- Aktar appoġġ għall-innovazzjoni billi jingħata finanzjament koerenti u bla xkiel mill-idea sas-suq, li jwassal għal stimulu ekonomiku dirett;
- Konċentrazzjoni qawwija fuq il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' negozju, b'mod partikolari għall-SMEs, meta jiġu indirizzati permezz tax-xjenza u l-innovazzjoni l-isfidi ewlenin tas-soċjetà;
- Sinerġiji ma' sorsi u strumenti oħra ta' finanzjament għar-riċerka fl-Ewropa.

Orizzont 2020 jintegra ruħu fil-kunċett attwali tal-FP7, il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Huwa ser ikun marbut mill-qrib ma' sfidi soċjetali kbar bħas-saħħa, is-sigurtà tal-ikel, l-enerġija u t-tibdil fil-klima, eċċ, u ser ikollu rabtiet qawwija mal-politika ta' koeżjoni kif ukoll l-iżvilupp rurali.

Il-Kummissjoni pproponiet li talloka EUR 80 biljun għall-perijodu 2014-2020 għall-programm qafas Orizzont 2020 għall-baġit multiannwali tal-UE li jmiss.

Fi Frar 2011, il-Kunsill Ewropew appella għall-implimentazzjoni ta' approċċ strateġiku u integrat biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kapital intelletwali tal-Ewropa, għall-ġid taċ-ċittadini, il-kumpanniji - b'mod partikolari l-SMEs - u r-riċerkaturi, fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020 għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi.

**IS-SĦUBIJA FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar is-sħubija fir-riċerka u l-innovazzjoni li jinsabu f'[17427/11](#).

**TNEDIJA TA' ĦAMES INIZJATTIVI GĦALL-IPPROGRAMMAR KONĠUNT FIR-RIĊERKA - Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Permezz ta' konklużjonijiet, il-Kunsill nieda l- inizjattivi għall- iprogrammar konġunt li ġejjin:

- "Ibħra u Oċeani Sani u Produttivi";
- "Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti";
- "Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa";
- "Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel";
- "L-Isfida Mikrobjali - Theddida Emerġenti għas-Saħħa tal-Bniedem".

Il-konklużjonijiet jinsabu f'[17424/11](#).

## **IT-TMIEN KUNSILL SPAZJU: BENEFIĊĊJI TAL-ISPAZJU GĦAS-SIGURTÀ TAĊ- ĊITTADINI**

Il-laqgħa tat-tmien Kunsill Spazju bejn l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA<sup>1</sup>) saret fis-6 ta' Diċembru, fil-marġini tal-Kunsill Kompetittività.

Il-Kunsill Spazju kellu skambju ta' fehmiet u approva orjentazzjonijiet dwar il-valur u l-benefiċċji tal-ispazju għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej.

Matul id-dibattitu, il-ministri skambjaw esperjenzi nazzjonali u l-aħjar Prattika f'dan il-qasam u vvalutaw il-kontribut tal-ispazju għall-ġid u s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej. Esprimew ukoll fehmiet dwar aktar azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali u Ewropew biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-ispazju għas-soċjetà ċivili.

Il-ministri ħadu nota wkoll tal-eżitu tat-Tielet konferenza dwar l-esplorazzjoni tal-ispazju li saret f'Lucca, l-Italja, fid-9 u l-10 ta' Novembru.

Wara d-dibattitu, il-Kunsill tal-UE adotta r-risoluzzjoni li tinsab [f'17828/1/11](#).

Wara t-tmien Kunsill Spazju, il-ministri tal-UE responsabbli għal kwistjonijiet marbuta mal-ispazju ħadu nota ta' preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni tagħha dwar il-GMES (Monitoraġġ globali tal-ambjent u s-sigurtà) u l-operazzjonijiet futuri tiegħu mill-2014 'il quddiem [\(17072/11\)](#).

---

<sup>1</sup> <http://www.esa.int>

## **AFFARIJIET OĦRA**

### **Industrija**

#### ***Industrija tal-bini tal-vapuri - Sitwazzjoni u prospettiva***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni dwar l-istat tal-industrija Ewropea tal-bini tal-vapuri u l-kompetittività tagħha ([17069/11](#)).

#### ***Sistema REACH għas-sustanzi kimiċi***

- Sustanzi ta' tħassib kbir ħafna

Il-Kunsill ħa kont ta' rapport mill-Kummissjoni marbut ma' ħidma li għaddejja fuq il-lista ta' sustanzi kandidati ta' tħassib kbir ħafna, li l-użu tagħhom, fil-futur, ser ikun soġġett għall-awtorizzazzjoni ([17862/11](#)).

Il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jieħdu sehem attiv fl-isforzi konġunti biex tiżdied is-sostituzzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna b'sustanzi anqas perikolużi, billi pproponiet li sustanzi bħal dawn jiġu inklużi fil-lista ta' kandidati.

L-awtorizzazzjoni hija waħda miż-żewġ proċeduri stipulati fir-regolament REACH biex jiġi limitat l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi. Skont din il-proċedura numru żgħir ħafna biss ta' utenti ser jitħallew jużaw ċerti sustanzi ta' tħassib kbir ħafna, bħal sustanzi karènoġeniċi. L-awtorizzazzjoni tista' tinkiseb biss jekk l-utent jista' juri li huwa jista' jikkontrolla sewwa t-trattament tas-sustanza ta' tħassib kbir ħafna jew jekk jista' juri li l-benefiċċji soċjoekonomiċi jegħlbu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent ikkawżati mill-użu u li ma teżistix alternattiva adatta. Is-sustanzi li l-użu tagħhom huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni, f'konformità ma' REACH, ser eventwalment jinbidlu b'sustanzi anqas perikolużi.

- *Rieżami tas-sistema mill-perspettiva tal-kompetittività*

Il-Kunsill ħa nota wkoll tat-tħassib mid-delegazzjoni Ċeka u dik Slovakka fir-rigward tal-impatt tas-sistema REACH dwar il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-kimika.

Huma appellaw, b'mod partikolari, għal valutazzjoni tal-impatti fuq l-SMEs u tal-kompatibbiltà ta' xi dispożizzjonijiet ta' REACH mal-inizjattivi tal-UE biex titnaqqas il-burokrazija u biex jitqiesu r-riżultati jitqiesu għar-rieżami futur tas-sistema.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Ġunju 2012 rapport ġenerali dwar l-esperjenza miksuba b'rabta mat-tħaddim tar-regolament REACH u, jekk meħtieġ, tippromponi emendi.

L-objettivi ta' REACH huma li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, li tizzied il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-kimika u li tiġi promossa l-innovazzjoni.

### ***Riforma tal-istandardizzazzjoni***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza dwar il-progress li sar fuq abbozz ta' regolament biex tiġi modernizzata l-istandardizzazzjoni Ewropea ([16982/11](#)).

Il-fini tar-regolament huwa, fost l-oħrajn, li jissimplifika proċeduri eżistenti għall-adozzjoni ta' standards armonizzati mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej li jsegwu l-mandati tal-Kummissjoni.

L-ewwel dibattitu ministerjali dwar ir-riforma tas-sistema ta' standardizzazzjoni fl-Ewropa sar fid-29 ta' Settembru 2011. Il-ministri esprimew appoġġ wiesa' biex jizzied ir-rwol tal-standards Ewropej, sabiex tgawdi l-ekonomija tal-UE, u qablu dwar il-ħtieġa li jissawwar mudell ta' standardizzazzjoni li jkun jista' jiġi adattat għal kundizzjonijiet li dejjem jinbidlu billi jkun magħmul aktar flessibbli.

Il-bażi għad-diskussjonijiet dwar ir-riforma futura tressaq quddiem il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni "Viżjoni strateġika għal standards Ewropej" ([11471/11](#)) u l-abbozz ta' regolament dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea ([11300/1/11](#)).

### ***Turiżmu: Laqgħa ministerjali informali - Forum Ewropew***

Il-Kunsill ħa kont tal-eżitu tal-laqgħa ministerjali informali u l-Forum Ewropew dwar it-Turiżmu li sar fi Krakovja, il-Polonja, mill-5 sas-7 ta' Ottubru 2011 ([17070/11](#)).

Id-diskussjoni ministerjali kienet organizzata madwar it-titlu "Il-promozzjoni tal-Ewropa fpajjizi terzi: it-tishiġ tal-kooperazzjoni transnazzjonali bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-UE (u l-pajjiżi kandidati) u l-organizzazzjonijiet tat-turiżmu nazzjonali tagħhom, bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għat-Turiżmu".

It-tema tal-forum kienet: "L-istimulazzjoni tal-kompetittività fis-settur tat-turiżmu fl-Ewropa".

Żewġ suġġetti ewlenin marbuta mal-kompetittività ġew diskussi mill-partijiet interessati tat-turiżmu Ewropew: "Tiġi kkonsolidata l-bażi ta' għarfien soċjoekonomiku tat-turiżmu" u "L-iżvilupp tal-innovazzjoni u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fit-turiżmu". Ir-rwol tal-"Osservatorju Virtwali tat-Turiżmu" u l-"Pjattaforma tal-ICT u t-Turiżmu" bħala għodod strateġiċi biex tiġi żviluppata l-politika tat-turiżmu kien ukoll suġġett topiku tad-diskussjoni.

### ***Inizjattiva dwar is-swieq ewlenin u sħubijiet għall-innovazzjoni***

Il-Kunsill ħa nota tal-eżitu ta' seminar dwar il-politika dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva dwar is-swieq ewlenin u sħubijiet Ewropej għall-innovazzjoni, li sar f'Varsavja fis-26 u s-27 ta' Ottubru 2011 ([17071/11](#)).

Is-seminar iffoka fuq żewġ punti: l-implimentazzjoni tal-inizjattiva dwar is-swieq ewlenin u l-impatt tagħha fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea u l-miri ta' Ewropa 2020 għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi; u l-ġejjieni ta' din l-inizjattiva, li l-Kummissjoni tipproponi li tintegra fil-kunċett ġdid tas-sħubijiet Ewropej għall-innovazzjoni.

<http://en.lmiwarsaw.pl/seminar.html>

### ***Stħarriġ annwali dwar it-tkabbir għall-2012***

Fuq it-talba tad-delegazzjoni Ġermaniża, il-Kummissjoni għamlet preżentazzjoni konċiża tal-komunikazzjoni tagħha "Stħarriġ annwali dwar it-tkabbir 2012", li ħarġet fit-23 ta' Novembru ([17229/11](#)).

L-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir għall-2012 iniedi s-Semestru Ewropew tal-2012 tal-governanza ekonomika. Huwa l-bażi għall-bini tal-fehim komuni meħtieġ dwar il-prijoritajiet għal azzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE għat-tmax-il xahar li ġejjin, li għandu mbagħad jikkontribwixxi għad-deċiżjonijiet ekonomiċi u baġitarji nazzjonali.

## **Suq Intern**

### ***Att dwar is-Suq Uniku - Direttiva dwar is-Servizzi - stat ta' implimentazzjoni***

Il-Kummissjoni għarrfet lill-ministri dwar l-istat tal-implimentazzjoni ta' Att dwar is-Suq Uniku.

F'April 2011, il-Kummissjoni ppreżentat f'April 2011 l-komunikazzjoni tagħha dwar l-"Att dwar is-Suq Uniku", li fiha tnaqqas il-azzjoni ta' prijorità biex tingħata spinta lit-tkabbir u tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq intern u li għandha tiġi adottata mill-Kunsill u l-Parlament sa tmien l-2012.

Diga' tressqu sitt proposti quddiem il-leġislaturi (dwar sistema ta' privattivi unitarja, standardizzazzjoni, tassazzjoni tal-enerġija, simplifikazzjoni ta' direttivi tal-kontabbiltà, netwerks trans-Ewropej u soluzzjoni alternattiva tat-tilwim). Erba' proposti għandhom jitressqu qabel tmien l-2011 u t-tnejn l-oħra li jifdal (dwar l-awtentikazzjoni elettronika/il-firma elettronika u l-istazzjonar ta' ħaddiema) ser titressaq matul l-ewwel xhur tal-2012.

Il-Kummissjoni tat ukoll aġġornament dwar l-istat ta' implimentazzjoni tad-direttiva dwar is-servizzi. S'issa 24 stat membru kkonkluda t-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali.

### ***Riforma tar-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali***

Il-Kunsill ħa nota tat-tfassib espress mid-delegazzjoni Franċiża dwar l-abbozzi ta' proposti għar-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([17856/11](#)).

Dan it-tfassib huwa marbut ma' kemm l-abbozzi ta' proposti huma adatti biex jinkisbu l-oġettivi ta' simplifikazzjoni u kjarifika tar-regoli eżistenti u l-adegwatezza tal-proċedura magħżula mill-Kummissjoni.

Dan it-tfassib ġie espress ukoll f'ittra konġunta indirizzata mill-awtoritajiet tal-Awstrija, il-Ġermanja, l-Ungerija, Franza, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi u Spanja lill-Kummissjoni fit-18 ta' Novembru 2011.

***Proprietà intelletwali: rapporti dwar it-tliet dokumenti li qed jiġu eżaminati***

Il-ministri ħadu nota tal-progress magħmul fuq it-tliet dokumenti li qed jiġu eżaminati mill-korpi preparatorji tal-Kunsill fil-qasam tal-proprjetà intelletwali:

- abbozz ta' direttiva dwar il-protezzjoni ta' xogħolijiet orfni ([17864/11](#));
- abbozz ta' regolament li permezz tiegħu l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern jiġi fdat b'ċerti kompiti relatati mal-protezzjoni tal-proprjetà intelletwali ([17865/11](#)); u
- abbozz ta' regolament dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali.

***Politika tal-konsumatur***

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar is-suġġetti li ġejjin:

- *programm tal-konsumaturi għall-2014-2020*

F'Novembru li għadda l-Kummissjoni ressqet proposta għal abbozz ta' regolament dwar programm tal-konsumaturi għall-2014-2020. Dan il-programm tal-konsumaturi l-ġdid, b'baġit propost ta' EUR 175 miljun, ser jieħu post il-programm 2007-2013 fil-qasam tal-politika tal-konsumatur.

- *Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u Soluzzjoni Online tat-Tilwim*

Il-Kummissjoni għamlet preżentazzjoni dwar żewġ proposti leġislattivi mressqin fid-29 ta' Novembru 2011: abbozz ta' Direttiva dwar Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim (ADR) u abbozz ta' Regolament dwar Soluzzjoni Online tat-Tilwim (ODR).

L-objettiv huwa li jinholq qafas komuni għall-ADR f'dawk l-Istati Membri fejn ma jeżistix. L-ADR eżistenti għandha tkun kapaċi tkompli topera fi ħdan dak il-qasam. F'konformità mad-Direttiva dwar l-ADR, il-Kummissjoni tipproponi wkoll mekkaniżmu ta' ODR li jinvolvi l-ħolqien ta' pjattaforma online ta' soluzzjoni tat-tilwim (din ser tkun sit elettroniku interattiv aċċessibbli elettronicament u mingħajr ħlas bil-lingwi kollha tal-Unjoni).

Skemi ADR, magħrufa wkoll bħala "mekkaniżmi barra l-qorti", twaqqfu madwar l-Ewropa biex jgħinu liċ-ċittadini involuti fis-soluzzjoni ta' tilwim li ma rnexxilhomx isolvu direttament man-negozjant. Dawn il-mekkaniżmi ġew żviluppatti b'modi differenti fl-UE, b'mod pubbliku jew privat, u l-istatus tad-deċiżjonijiet adottati minn dawn il-korpi jvarja ħafna.

Bejn it-18 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu 2011 il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika dwar dan is-suġġett.

– *Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur*

Il-Kummissjoni ppreżentat sommarju ([17794/11](#)) għas-sitt edizzjoni tat-tabella ta' valutazzjoni "Swieq li jaħdmu tajjeb għall-konsumaturi", li kien ippubblikat Ottubru li għadda ([15961/11](#)).

Mibdija fl-2008, it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur hija l-għodda ewlenija tal-Kummissjoni biex tidentifika setturi ta' prestazzjoni potenzjalment baxxa fis-suq uniku.

Il-maġġoranza tad-data tat-tabella ta' valutazzjoni hija pprovduta minn sħarriġ ta' 51 suq tal-konsumaturi, li jirrappreżenta l fuq minn 60 % tal-baġit tad-djar (djar, edukazzjoni u ħafna mill-prodotti u servizzi mediċi mhumiex koperti).

## **Riċerka**

### ***Programm tal-Euratom għar-riċerka nukleari (2012-2013)***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar il-passi li jmiss biex jiġu finalizzati, qabel tmiem l-2011, l-estensjoni tal-"**programm tal-Euratom 2012-2013**" b'rabta mar-riċerka dwar l-enerġija tal-fużjoni, il-fissjoni nukleari u l-protezzjoni mir-radjażzjoni.

Il-programm qafas tal-Euratom jikkonċerna attivitajiet ta' riċerka fl-enerġija nukleari (fużjoni u fissjoni) u l-protezzjoni mir-radjażzjoni. Huwa implimentat permezz ta' deċiżjonijiet li jstabbilixxu azzjonijiet indiretti u diretti, u regolament li jstipula r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet indiretti.

Fit-28 ta' Ġunju, il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali għall-estensjoni tal-programm qafas tal-Euratom għar-riċerka nukleari għall-2012 u l-2013 ([12161/11](#)).

Fit-30 ta' Settembru, il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali għall-bqija tal-pakkett tal-Euratom: żewġ deċiżjonijiet dwar programmi speċifiċi u regolament li jstipula r-regoli għall-parteċipazzjoni.

### ***Simplifikazzjoni tal-proċeduri fil-programmi ta' riċerka Ewropej***

Il-Kunsill ħa nota tar-rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-grupp ministerjali informali dwar is-simplifikazzjoni, li jinsabu fir-rapport finali tiegħu dwar is-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni Ewropej ([17727/11](#)).

### ***Tixjiħ attiv u b'saħħtu - Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proġett pilota għal sħubija Ewropea għall-innovazzjoni dwar tixjiħ attiv u b'saħħtu ([17658/11](#)) u l-pjan ta' implimentazzjoni tagħha ([17854/11](#)).

Is-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni dwar tixjiħ attiv u b'saħħtu hija l-ewwel proġett pilota ta' approċċ ġdid propost mill-Kummissjoni biex jitħaffu l-innovazzjoni u l-iskoperti biex jiġu indirizzati sfidi ewlenin tas-soċjetà, f'dan il-każ l-isfida tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Ewropa.

### ***Riċerka agrikola dwar il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża dwar is-segwitu għall-konferenza intitolata "Transizzjoni lejn konsum u produzzjoni sostenibbli tal-ikel f'dinja b'riżorsi limitati" li saret f'Budapest fl-4 u l-5 ta' Mejju 2011 ([17855/11](#)).

### ***Politika ta' koeżjoni***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni bil-miktub mill-Kummissjoni dwar il-komplementarjetajiet tal-politika ta' koeżjoni futura ma' strumenti u programmi ta' finanzjament oħrajn tal-UE ([17990/11](#)).

***Programm ta' ħidma tal-Presidenza Daniża li ġeġja***

Id-delegazzjoni Daniża infurmat lill-ministri dwar il-programm ta' ħidma tal-Presidenza Daniża dwar il-kompetittività għall-ewwel nofs ta-2012.

Fil-qasam tas-suq intern u l-industrija, waħda mill-ogħla prijoritajiet ser tkun l-iżvilupp tat-tnax-il inizjattiva li jinsabu fl-Att dwar is-Suq Uniku.

Fil-qasam tar-riċerka, il-Presidenza Daniża ser tipproċedi bit-tħejjiet għall-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni "Orizzont 2020".

**PUNTI OĦRAJN APPROVATI****AMBJENT****Gassijiet b'effett ta' serra u attivitajiet addizzjonali mill-Italja**

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta' deċizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni unilaterali mill-Italja ta' gassijiet b'effett ta' serra u attivitajiet addizzjonali fl-iskema għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni<sup>1</sup> ([16132/11](#)).

Id-deċizzjoni tal-Kummissjoni hija soġġetta għall-hekk imsejħa proċedura regolatorja bi skrutinju. S'issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni, għalhekk, tista' tadottaha, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

**Ħżin ta' merkurju metalliku**

Il-Kunsill adotta direttiva fir-rigward ta' kriterji speċifiċi għall-ħżin ta' merkurju metalliku meqjus bħala skart ([16085/11](#)).

Id-direttiva temenda d-direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terra ferma. L-Istati Membri ser ikollhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva sal-15 ta' Marzu 2013.

**ĦATRIET****Kumitat tar-Reġjuni**

Il-Kunsill ħatar lis-Sinjura A.E. (Anne) BLIEK-DE JONG, is-Sur J.C. (Co) VERDAAS, is-Sur P.G. (Piet) DE VEY MESTDAGH, is-Sur W.B.H.J. (Wim) VAN DE DONK, is-Sinjura W.H. (Hester) MAIJ u s-Sur R.E. (Ralph) DE VRIES, (Pajjiżi l-Baxxi) bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jibqa' għaddej sal-25 ta' Jannar 2015. ([17667/11](#))

---

<sup>1</sup> ĠU L 275, 25.10.2003.